A.L. 254 tal-2010

ATT DWAR IS-SERVIZZI VETERINARJI (KAP. 437)

Regoli tal-2010 li jemendaw ir-Regoli dwar il-Kontroll u l-Iżradikar tal-Marda *Bluetongue*

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 5 tal-Att dwar is-Servizzi Veterinarji, il-Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali għamel dawn ir-regoli li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regoli hu Regoli tal-2010 li jemendaw ir-Regoli dwar il-Kontroll u l-Iżradikar tal-Marda *Bluetongue*, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaga waħda mar-Regoli tal-2005 dwar il-Kontroll u l-Iżradikar tal-Marda *Bluetongue*, hawn aktar 'il quddiem msejħin "ir-regoli prinċipali". A.L. 294 tal-2005.

.

Jemenda r-regola 15 tar-regoli prinċipali.

2. Minflok ir-regola 15 tar-regoli prinċipali għandu jidħol dan li ġej:-

"15. (1) L-Awtorita` kompetenti għandha taħtar laboratorju nazzjonali responsabbli biex iwettaq it-testijiet laboratorji stabbiliti b'dawn ir-regoli, u għandha tara li d-dettalji ta' dak il-laboratorju, u kull bidla sussegwenti fihom, ikunu disponibbli għall-Istati Membri l-oħra u għall-pubbliku. Ir-regoli dettaljati għall-applikazzjoni uniformi ta' din is-subregola jistgħu jiġu adottati skond il-proċedura msemmija fir-regola 20 (2) ta' dawn ir-regoli.

(2) Ir-responsabbiltajiet tal-laboratorji nazzjonali maħtura mill-Awtorita` kompetenti skond is-subregola (1) ta' din ir-regola jinsabu elenkati fl-Anness I li jinsab ma' dawn ir-regoli.

(3) Il-laboratorji nazzjonali maħtura mill-Awtorita` kompetenti skond is-subregola (1) ta' din ir-regola għandhom jikkoperaw mal-laboratorju ta' referenza Komunitarja msemmi fir-regola 16 ta' dawn ir-regoli.".

Jemenda Anness I li jinab mar-regoli prinċipali.

3. Is-sezzjoni A tal-Anness I li jinsab mar-regoli prinċipali għandu jiġi mħassar u Sezzjoni B tiegħu għandha tiġi enumerata mill-ġdid bħala Anness I.